**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40 - IT-TLIETA,10 TA' JANNAR 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:38.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti.

**1. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA**

1.1. Il-Kunsill qabel li għandu jbiddel l-ordni tal-laqgħa biex l-*accountant* tal-Kunsill tkun tista' tispjega l-*Financial Statements* għas-sena 2011.

**2. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS GĦAS-SENA 2011 U R-RAPPORT FINANZJARJU GĦAX-XHUR OTTUBRU-DIĊEMBRU 2011**

2.1. Wara l-ispjega tal-*accountant* is-Sindku pproponiet li l-*Financial Statements* ikunu approvati. Issekondaw il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Galea. Dawn imbagħad ġew approvati *nem con*.

2.2. Il-Kunsill approva wkoll b'mod unanimu r-rapport finanzjarju tax-xhur Ottubru-Diċembru 2011.

**3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Qabel ma l-Kunsill għadda biex jikkonsidra l-minuti s-Sindku ferħet lis-Sinj. Cuomo li ġiet eletta bħala Kunsillier fl-aħħar elezzjoni każwali.

3.2. Ġew imbagħad imressqa l-minuti tal-laqgħa numru 40 li kienu meqjusa moqrija.

3.3. Il-Kunsillier Galea semma' para. 4.5 fejn xtaq jiċċara li, aktar milli oġġezzjona, huwa esprima li xtaq li l-istess opportunità tingħata lil kulħadd.

3.4. Il-Viċi Sindku staqsa dwar para. 3.2. Il-Kunsillier Sammut informa li huwa kien qiegħed jikkuntattja xi nies ħalli jivverifika jekk irċevewx l-aħħar ħarġa tal-Kuntatt. Huwa informa li kien hemm min irċieva, xi tnejn li ma rċevewx, kien hemm min wieġeb li jista' jkun u kien hemm min wieġeb li ma jafx. Huwa sostna li l-problema tista' tkun ġejja mill-fatt li l-materjal tal-Kunsill jitqassam ma' materjal ieħor u allura rrakkomanda lill-Kunsill li għandu jkun imqassam b'mod esklussiv avolja l-Kunsill ikollu jħallas aktar.

3.5. Is-SE informa li l-kumpanija li pprovdiet is-servizz kienet daret xi residenzi u pprovdiet il-formoli li jikkonfermaw li rċevew.

3.6. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li m'għandux jiddikjara għalissa jekk ix-xogħol sarx sewwa jew le, avolja kien hemm ammont sostanzjali li insistew li ma tqassamx. Dan sakemm ikunu eżaminati l-imsemmijin formoli.

3.7. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar para. 3.3 u jekk id-Dipartiment kienx wieġeb. Is-SE informa li kien għadu ma rċieva xejn.

3.8. Il-Minuti imbagħad kienu approvati *nem con*.

## 4. MOZZJONI MILL-KUNSILLIER GALEA DWAR L-EDITUR TAL-KUNSILL

4.1. Il-Kunsillier Galea ressaq mozzjoni ta' sfiduċja fl-Editur tal-Kunsill, is-Sur Salvu Sciberras. Issekonda l-Kunsillier Brincat.

4.2. Il-Kunsillier Galea qal li qed jagħmel dan minħabba kummenti li ppubblika s-Sur Sciberras bħala tweġiba għall-messaġġ tiegħu u ħass li dan m'għandux ikun. Il-Kunsillier Brincat saħaq li din ġrat diġà f'messaġġ ieħor li kienet tissemma' d-Dar tal-anzjani Sagra Familja.

4.3. Il-Viċi Sindku talab li jkun skużat għal din il-parti tal-laqgħa minħabba li l-Editur jiġi missieru.

4.4. F'dan il-ħin is-Sindku infurmat li ħasset li kellha ssejjaħ formalment lis-Sur Salvu Sciberras ħalli jkun jista' jwieġeb għall-mozzjoni ta' sfiduċja.

4.5. Il-Kunsill qabel unanimament li jisma' lis-Sur Sciberras. Il-ħin kien it-20:20.

4.6. Is-Sur Sciberras informa li huwa rreġistrat bħala Editur skont il-liġi u dejjem għamel dak kollu possibli biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu bl-aħjar mod possibbli u fuq kollox skont il-liġi. Dan huwa dejjem għamlu b'mod volontarju u qatt ma stenna xejn lura mill-Kunsill. Huwa sostna li l-kumment li għamel bi tweġiba kellu kull dritt li jagħmlu u għamel hekk biex jevita li jnaqqas mit-test tal-messaġġ tas-Sur Galea. Għalhekk għażel li jħalli l-messaġġ komplut iżda jinkludi t-tweġiba.

4.7. Is-Sur Sciberras sostna li dan kien ir-riżultat ta' dewmien mill-Kunsillieri biex jissottomettu l-messaġġ għaliex kieku kien hemm iċ-ċans, kif ġieli għamel, kien jiltaqa' mal-awtur tal-messaġġ ħalli jiddiskuti miegħu fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil għaliex kien jippreferi li jasal għal kompromess qabel ma jkun ippubblikat. Madanakollu d-dewmien ma kienx ħallielu biżżejjed żmien.

4.8. Wara li s-Sur Sciberras ta din l-ispjegazzjoni, il-laqgħa tkompliet b'mod normali. Il-ħin kien it-20:44.

4.9. Is-Sindku imbagħad stqarret li ma tara l-ebda skop għaliex is-Sur Sciberras għandu jkun sfiduċjat u għaddiet għall-vot.

4.10. Ir-riżultat kien ta' erba' voti favur u erba' voti kontra. Għalhekk il-mozzjoni m'għaddietx.

## 5. KOMUNIKAZZJONIJIET

5.1. Is-SE informa li kien sar kuntatt miegħu minn organizzazzjoni tad-drama (*Action Base*) fejn xtaqu japplikaw għal fondi tal-UE u jissieħbu mal-Kunsill Lokali Naxxar. Huwa informa li, kemm-il darba l-proġett jintlaqa' l-Kunsill jidħol fi ftehim ma' din l-organizzazzjoni biex jutilizzaw il-mitħna ta' Triq Leli Falzon u jirrestawraw partijiet minnha bil-fondi tal-EU. Huwa informa li jista' jkun però, li minħabba li Kunsill Lokali ma setax japplika, anki jekk ikun imsieħeb, l-applikazzjoni ma tkunx valida. Il-Kunsill qabel li m'hemmx x'jintilef u għalhekk approva li s-SE jipproċedi bl-applikazzjoni.

5.2. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-laqgħa biex jiltaqa' mal-Arċipriet. Il-ħin kien id-21:02.

## 6. LAQGĦA MAL-ARĊIPRIET DUN EVAN CARUANA

6.1. Il-laqgħa mal-Arċipriet inbdiet bit-tberik.

6.2. L-Arċipriet imbagħad irrefera għal *email* li kien bagħat aktar qabel.

6.3. Waqt id-diskussjoni l-Arċipriet informa li l-Kumitat tal-Festi kien qiegħed jirrakkomanda biex waqt il-festa ma jkunx hemm tisjir barra u l-każini kellhom isajjru ġewwa.

6.4. Is-SE informa lill-Arċipriet li kien qiegħed ikun hemm diversi ilmenti u anki kritika fuq programmi televiżivi dwar l-armar quddiem il-Palazz li minħabba fih qed jimblukkaw kompletament l-aċċess għall-persuni bil-mixi. L-Arċipriet informa li kienu qed jaraw x'jistgħu jagħmlu dwar din il-problema.

6.5. L-Arċipriet informa li l-Kumitat tal-Festi kien qiegħed jirrakkomanda wkoll li jkun hemm *mobile toilets* possibbilment fin-naħa tal-maħżen filwaqt li jiżdiedu l-*bins*.

6.6. Ilment ieħor kien jirrigwardja l-i*stalls* tal-qubbajt minħabba li dawn mhux qed iżommu posthom. Is-SE informa li kien pjuttost diffiċli li minn pjanta li jingħataw ikunu jistgħu jinterpretaw eżatt fejn għandhom jarmaw u għalhekk irrakkomanda li, fuq pjanta dettaljata li teżisti fil-Kunsill, għandhom ikunu mmarkati l-postijiet eżatti fejn għandhom jitpoġġew, imbagħad isir l-infurzar meħtieġ.

6.7. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:40.

6.8. Il-Kumitat tal-Festa kien qiegħed jirrakkomanda wkoll li ma jingħatawx permessi għal żmien il-festa għal krejnijiet u *highups*.

6.9. L-Arċipriet imbagħad tkellem dwar il-parkeġġ tal-Oratorju fejn semma' li kien qiegħed ikun offrut għall-pubbliku bla ħlas u għalhekk ħass li l-Kunsill kellu jikkontribwixxi għalih ukoll. Il-Kunsillier Sammut ippropona li jista' jkun hemm xi forma ta' ftehim għall-użu tal-oratorju għal attivitajiet tal-Kunsill.

6.10. Qabel ma ntemmet il-laqgħa l-Arċipriet informa li waqt il-Festa kien hemm titjib sostanzjali meta kkomparat mas-snin ta' qabel u għalhekk irringrazzja lill-Kunsill.

6.11. Il-laqgħa mal-Arċipriet intemmet fl-22:10.

## 7. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

7.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ipproponiet li jiġi diskuss immedjatament is-suġġett numru 9 fuq l-aġenda.

7.2. Sadanittant il-Kunsillier Galea talab biex fil-laqgħa li jmiss tkun diskussa r-responsabbiltà tal-għaqdiet. Kien hemm qbil li d-diskussjoni kellha tinkludi r-responsabbiltajiet lis-Sinj. Cuomo.

**8. PROBLEMI MILL-ARMAR TA' *HAWKER* FIT-TRIQ TAL-ISKEJJEL**

8.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li qed ikun hemm problemi minn *hawker* li qed jarma bil-*fast food* fejn l-iskejjel. Dan qed joħloq problemi għat-traffiku tal-iskola filwaqt li qed iħalli ħafna ħmieġ.

8.2. Il-Kunsill qabel li idealment fejn l-iskejjel m'għandux ikun hemm dawn it-tip ta' *hawkers* u għalhekk qabel li ssir talba lil TM biex jitpoġġew tabelli li ma jistax ikun hemm *hawkers.*

8.3. Sadanittant il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li l-kaptelli fi Triq Ġużeppi Stivala qed jitkissru għax qed jipparkjaw fuqhom. Hija rrakkomandat li għandhom isiru sinjali sofor biex ma jipparkjawx fuqhom. Is-Sindku wissiet biex il-Kunsill joqgħod attent li ma jurtax lir-residenti bir-restrizzjonijiet proposti. Is-Sinj. Muscat Fenech Adami insistiet li hemm problema minħabba li t-triq tidjieq u m'hemmx bankina u għalhekk ma jistax jitħalla pparkjar tal-karozzi. F'dan il-ħin qamet diskussjoni dwar jekk it-triq għandiex issir f'direzzjoni waħda jew le. Madanakollu, minħabba li ma kinitx fuq l-aġenda, il-Kunsill qabel li għandu jiddiskutiha f'laqgħa oħra. Sadanittant però kien hemm qbil li dwar is-sinjal isfar tkun ikkonsultata TM.

8.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat talab li jkun skużat minħabba li ħassu ma jiflaħx.

**9. APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

9.1. Il-lista ta' pagamenti kienet approvata kif ippreżentata. Din hija annessa f'A.

**10. L-ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL**

10.1. Il-Kunsill qabel li l-Amministrazzjoni għandha tipproċedi bl-organizzazzjoni tal-Karnival simili għal dak li jsir is-soltu, inkluż l-ordni għal animaturi għal waqt l-attività.

**11. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

11.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 28 ta' Frar 2012.

11.2. Il-laqgħa intemmet fl-10:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 41**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mis-6 ta' Jannar 2012 sas-27 ta' Jannar 2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu * | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €71.76 | €71.76 | D | PF | Review of Planning Applications - Dec11 | 31/12/2011 | 952 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,693.00 | €3,693.00 | T | PF | Garden Maintenance - Dec11 + Eur179.66 extra for the soil used in Sept11 | 31/12/2011 | 16602 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer Fees - Dec11 | 03/01/2012 | 2 of 2012 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Andrew Cassar | €215.00 | €215.00 | D | PF | Xmas Billboard Design & for the design/layout of Kuntatt | 14/12/2011 | No:01 | 3834 | 3834 | 3362 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €238.33 | €238.33 | D | PF | Box of screws; spray high lighter; roll wire azzar; row bolts; etc. | 14/12/2011 | 32221 | 3797 & 3821 | 3797 & 3821 | 2370 | |
| 6 | Artisans Centre | €50.00 | €50.00 | D | PF | Name Plate - Ms Josette Micallef | 28/12/2011 | 6966 | 3798 | 3798 | 3690 | |
| 7 | Bitmac Ltd. | €361.08 | €361.08 | D | PF | Instant Road repair | 31/12/2011 | 88373 | 3748/ 3759 & 3762 | 3748/ 3759 & 3762 | 2311 | |
| 8 | C&C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 | 11/01/2012 | 120103 | n/a | n/a | 3130 | |
| 9 | Carmen Micallef | €200.00 | €200.00 | K | PF | Pilates Class (Sept. 11 - Dec. 11) | 26/12/2011 | Dec11 | 3833 | 3833 | 3381 | |
| 10 | Clint Muscat | €375.00 | €375.00 | D | PF | Tower ladder service - Jan12 | 14/01/2012 | 71 | 3826 | 3826 | 3362 | |
| 11 | Commissioner of Inland Revenue | €2,733.28 | €2,733.28 | D | PF | FSS & NI - Nov 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 15063 |
| 12 | Commissioner of Inland Revenue | €2,829.76 | €2,829.76 | D | PF | FSS & NI - Dec 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 15065 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Commissioner of Inland Revenue | €3,795.80 | €3,795.80 | D | PF | FSS & NI - Jan 2012 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 15141 |
| 14 | C.S.D. Office Trade | €322.02 | €322.02 | K | PF | Photocopy paper, blotting paper white; American archive box 26.5x39x50am; Archive box carton 80x250Wx350H; and other Stationary. | 05/01/2012 | 37626 | 3819 | 3819 | 2620 | |
| 15 | Curtain Raiser Entertainment Ltd. | €380.00 | €380.00 | D | PF | Children's Xmas Party held at BIC - 23.12.11 | 28/12/2011 | 11/31 | 3829 | 3829 | 3360 | |
| 16 | Dr Maria Fatima Deguara | €588.51 | €588.51 | D | PF | Mayor's allowance - Jan12 | 23/01/2012 | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 17 | E-Dinamix | €2,773.00 | €1,386.50 | T | PF | Website Development; Website Hosting; Website Support and Maintenance. | 10/02/2010 | 2011/03 | n/a | n/a | 3110 | |
| 18 | Enemalta Corporation | €1,100.97 | €1,100.97 | D | PF | Application No: T1542/09; T1543/09; T1544/09; TT1545/09; T1546/09; T1867/08; T1868/08; T1869/08; T1870/08; T1871/08; T1671/09 | 29/12/2011 | several | n/a | n/a | 2130 | |
| 19 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €664.30 | €664.30 | T | PF | Bulky refuse collection - Jan11 | 09/01/2012 | NXR042 | n/a | n/a | 3042 | |
| 20 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €755.55 | €755.55 | T | PF | Bulky refuse collection - Feb11 | 09/01/2012 | NXR043 | n/a | n/a | 3042 | |
| 21 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €657.00 | €657.00 | T | PF | Bulky refuse collection - March11 | 09/01/2012 | NXR044 | n/a | n/a | 3042 | |
| 22 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €890.60 | €890.60 | T | PF | Bulky refuse collection - Apr11 | 09/01/2012 | NXR045 | n/a | n/a | 3042 | |
| 23 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €751.90 | €751.90 | T | PF | Bulky refuse collection - May11 | 09/01/2012 | NXR046 | n/a | n/a | 3042 | |
| 24 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €970.90 | €970.90 | T | PF | Bulky refuse collection - June11 | 09/01/2012 | NXR047 | n/a | n/a | 3042 | |
| 25 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €1,084.05 | €1,084.05 | T | PF | Bulky refuse collection - July11 | 09/01/2012 | NXR048 | n/a | n/a | 3042 | |
| 26 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €872.35 | €872.35 | T | PF | Bulky refuse collection - Aug11 | 09/01/2012 | NXR049 | n/a | n/a | 3042 | |
| 27 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €828.55 | €828.55 | T | PF | Bulky refuse collection - Sept11 | 09/01/2012 | NXR050 | n/a | n/a | 3042 | |
| 28 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €868.70 | €868.70 | T | PF | Bulky refuse collection - Oct11 | 09/01/2012 | NXR051 | n/a | n/a | 3042 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €1,007.40 | €1,007.40 | T | PF | Bulky refuse collection - Nov11 | 09/01/2012 | NXR052 | n/a | n/a | 3042 | |
| 30 | Euro Clean Waste Services Ltd. | €562.10 | €562.10 | T | PF | Bulky refuse collection - Dec11 | 09/01/2012 | NXR053 | n/a | n/a | 3042 | |
| 31 | Ferretti Restaurant | €937.65 | €937.65 | D | PF | Annual Dinner for Naxxar Local Council - Dec11 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3310 | 15047 |
| 32 | G4S Security Services Ltd. | €152.20 | €152.20 | D | PF | Cash Collection Services - Dec11 | 31/12/2011 | GS00417 1 | n/a | n/a | 3190 | |
| 33 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - Dec11 | 05/01/2012 | 2463 | n/a | n/a | 3065 | |
| 34 | General Gas Ltd. | €107.00 | €107.00 | D | PF | Repair D/O 93533 (on ac unit) | 23/12/2011 | 203543 | 3830 | 3830 | 2375 | |
| 35 | George Bezzina | €80.00 | €80.00 | D | PF | Opening for Blockage of Drain re: Public Convenience 06/012012 | 06/01/2012 | 1989573 | 3823 | 3823 | 3053 | |
| 36 | Georgina Grima | €661.55 | €661.55 | D | PF | Nursing Fees - Dec11 | 31/12/2011 | n/a | n/a | n/a | 3150 | |
| 37 | Go plc. | €66.89 | €66.89 | D | PF | Telephony service - Dec 2011 (21416341) | 11/01/2012 | 27301419 | n/a | n/a | 2160 | 15142 |
| 38 | Go plc. | €18.87 | €18.87 | D | PF | Telephony service - Dec 2011 (21416363) | 11/01/2012 | 27301423 | n/a | n/a | 2160 | 15142 |
| 39 | Go plc. | €200.97 | €200.97 | D | PF | Telephony service - Dec 2011 (21417224) | 11/01/2012 | 27301426 | n/a | n/a | 2160 | 15142 |
| 40 | J&S Store | €76.86 | €76.86 | D | PF | Tal-Fil; Energy Saving Bulb; Araldite; blue garbage bags; etc. | 15/06/2011 | 6752 | 3786 & 3805 | 3786 & 3805 | 2370 | |
| 41 | J&S Store | €65.84 | €65.84 | D | PF | Key tags; box of screws; spanner; masking tape; etc. | 28/09/2011 | 6890 | 3805 | 3805 | 2370 | |
| 42 | Leisure Animation Enterprises | €206.50 | €206.50 | D | PF | Presenter, Fun, Games, Magic and Juggling show; Presenter + singing | 19/03/2011 | 11-038 | 3828 | 3828 | 3360 | |
| 43 | Leo's Garage Paramount | €299.05 | €299.05 | K | PF | Monthly Transport Services - Dec 2011 | 31/12/2011 | 24281 | 3784 | 3784 | 3380 | |
| 44 | The Lighthouse Keepers | €611.44 | €611.44 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 17 | n/a | n/a | 3065 | |
| 45 | The Lighthouse Keepers | €214.35 | €214.35 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX95 3 | n/a | n/a | 3065 | |
| 46 | The Lighthouse Keepers | €214.35 | €214.35 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX95 4 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €214.35 | €214.35 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 22 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €52.36 | €52.36 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 | n/a | n/a | 3065 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | 89 | | | | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €27.86 | €27.86 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 90 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €30.00 | €30.00 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 87 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €27.86 | €27.86 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 85 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €28.43 | €28.43 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 88 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €52.36 | €52.36 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 53 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €44.50 | €44.50 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 95 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €17.76 | €17.76 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 96 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €52.36 | €52.36 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 91 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €49.58 | €49.58 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 92 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €18.81 | €18.81 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX11 00 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €6.28 | €6.28 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX11 01 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €55.63 | €55.63 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 97 | n/a | n/a | 3065 | |
| 61 | The Lighthouse Keepers | €27.86 | €27.86 | T | PF | Maintenance on street lamp | 20/01/2012 | KLNX10 93 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | Local Councils Association | €63.00 | €63.00 | D | PF | Assikurazzjoni dwar il-flus 2012 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3030 | 15067 |
| 63 | Local Councils Association | €18.00 | €18.00 | D | PF | Payment for Performing Rights Society | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 15140 |
| 64 | Marc Von Brockdorf | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refundable guarantee for the placing of machinery in Triq San Pawl | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15145 |
| 65 | Mario Grima | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refundable guarantee for the placing of machinery in Triq l-Imraden | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15147 |
| 66 | Melita plc. | €22.86 | €22.86 | D | PF | Telephony service - Jan 2012 | 01/01/2012 | 31625585 | n/a | n/a | 2160 | 15137 |
| 67 | Melita plc. | €2.40 | €11.41 | D | PF | tv service - Jan 2012 | 01/01/2012 | 31626124 | n/a | n/a | 2165 | 15143 |
| 68 | Neriku Confectionery Ltd. | €100.10 | €100.10 | D | PF | Childrens Menu for the BIC Xmas activity of the 23.12.2011 (Outside | 23/12/2011 | 294019 | n/a | n/a | 3360 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Catering) | | | | | | |
| 69 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage Waste Collection - Nov11 | 30/11/2011 | NXR 11/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 70 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage Waste Collection - Dec11 | 31/12/2011 | NXR 12/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 71 | Paul Tonna Son of Santu Ltd. | €92.00 | €92.00 | D | PF | 2pcs of 10mm laminated Opaque glass for corridor (picked up by Victor Mula) | 19/04/2011 | 62437 | 3558 | 3558 | 2375 | |
| 72 | Petty Cash | €151.74 | €151.74 | D | PF | Petty cash - December 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 15066 |
| 73 | Romina Perici Ferrante | €1,500.00 | €1,500.00 | T | PF | Updating of Accounts for Jan-Sept 2011 | 30/12/2011 | 11/055 | n/a | n/a | 3160 | |
| 74 | Romina Perici Ferrante | €960.00 | €960.00 | T | PF | Updating of Accounts for Oct-Dec 2011 | 30/12/2011 | 11/060 | n/a | n/a | 3160 | |
| 75 | Romina Perici Ferrante | €500.00 | €500.00 | T | PF | Bank Reconciliation 2006-2010 | 30/12/2011 | 11/061 | n/a | n/a | 3160 | |
| 76 | Sharon Carmen de Marco | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund guarantee for the placing of machinery in Triq Hans Christian Andersen | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15146 |
| 77 | Staff Salaries | €10,290.8 0 | €10,290.80 | D | PF | Staff salaries - Jan12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 78 | Vodafone | €157.73 | €97.85 | D | PF | Telephony Service - Sept11 | 01/10/2011 | 26197981 02011 | n/a | n/a | 2160 | 15152 |
| 79 | Vodafone | €97.85 | €97.85 | D | PF | Telephony Service - Oct11 | 01/11/2011 | 26637021 12011 | n/a | n/a | 2160 | 15150 |
| 80 | Vodafone | €97.85 | €97.85 | D | PF | Telephony Service - Nov11 | 01/12/2011 | 27077341 22011 | n/a | n/a | 2160 | 15151 |
| 81 | Vodafone | €98.56 | €98.56 | D | PF | Monthly Service - Dec11 | 01/01/2012 | 27522550 12012 | n/a | n/a | 2160 | 15138 |
| 82 | WasteServ Malta Ltd. | €6,918.25 | €4,757.34 | D | PF | Allocated MSW waste - Dec 2011 (293.15 tonnes) | 13/01/2012 | 16438 | n/a | n/a | 3040 | |
| 83 | Albert C. McCarthy | €150.00 | €150.00 | D | PF | Santa Klaws Animation, Naxxar Xmas Event Dec11 | 21/12/2011 | Diċ-11 | 3835 | 3835 | 3360 | |
| 84 | Priscilla Psaila | €30.00 | €30.00 | D | PF | Singing performance during Xmas Event Dec11 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |